Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/4206

20.8.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa – opportunità għan-negozji, l-impjegati u ċ-ċittadini fil-kuntest tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/4206)

Relatur: **Andrés BARCELÓ DELGADO (ES, I)**

Korelatur: **Monika SITÁROVÁ (SK, Kat. 2)**

Konsulenti	Vega GIL OYAREGUI (għar-relatur tal-Grupp I) Juan José LUIS DELGADO (għall-korelatur tal-Kategorija 2)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	5.12.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adozzjoni fis-sezzjoni	4.6.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.6.2025
Sessjoni plenarja Nru	597
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	197/0/2

PREAMBOLU

Din l-Opinjoni tagħmel parti minn pakkett usa' ta' Opinjonijiet tal-KESE dwar il-kriżi tal-għoli tal-ħajja. B'dan il-pakkett, il-KESE qed jeżamina l-aspetti differenti ta' din l-isfida ta' politika u qed jippreżenta sett komprensiv u wiesa' ta' rakkomandazzjonijiet lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell Ewropew u nazzjonali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati oħra. Il-pakkett jinkludi seba' "Opinjonijiet settorjali" ([1]), kull waħda ddedikata għal kwistjonijiet f'qasam ta' politika rilevanti speċifiku. Barra minn hekk, "Opinjoni ġenerali" ([2]) tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet ta' politika ġenerali biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-għoli tal-ħajja kollha kemm hi u tinbena r-reżiljenza kontra kriżijiet futuri.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni msejħa Boxxla għall-Kompetittività, li tiffoka fuq it-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE biex jingħalaq id-distakk mal-Istati Uniti u l-Asja. L-iżvilupp tagħha jrid jinkludi metriċi ċari tal-prestazzjoni biex l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jimmonitorjaw il-kisba ta' kull kompitu inkluż fil-Boxxla. Hemm bżonn ukoll ta' aktar investiment privat u pubbliku biex tittejjeb il-kompetittività tal-UE.

([1]) Opinjonijiet tal-KESE dwar *Ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa – opportunità għan-negozji, l-impjegati u ċ-ċittadini fil-kuntest tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja; Inħallu warajna l-kriżijiet – Miżuri għal ekonomija Ewropea reżiljenti, koeżiva u inklużiva* (ĠU C, C/2025/3195, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3195/oj); *Kif id-disfunzjonalitajiet tas-suq uniku jikkontribwixxu għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja* (ĠU C, C/2025/3189, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3189/oj); *L-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili waqt li tiġi żgurata l-kompetittività Ewropea, tittaffa l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, u tiġi promossa tranżizzjoni ġusta* (ĠU C, C/2025/3191, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3191/oj); *Il-frammentazzjoni tal-ktajjen tal-provvista u l-impatt fuq l-għoli tal-ħajja* (ĠU C, C/2025/4209, 17.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4209/oj); *Kif għandhom jiġu indirizzati t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist u r-riskju ta' żieda fl-inugwaljanzi, l-esklużjoni u l-marġinalizzazzjoni* (ĠU C, C/2025/4208, 17.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4208/oj); *Żidiet fil-prezzijiet tat-trasport, l-enerġija u l-akkomodazzjoni: ir-rwol tas-servizzi pubbliċi ta' kwalità tajba fl-indirizzar tal-għoli tal-ħajja qawwi* (ĠU C, C/2025/3192, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3192/oj).

([2]) ECO/660 *Rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzata biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-għoli tal-ħajja* (għadha għaddejja bħalissa).

1.2. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 jinkludi Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli. Il-KESE jixtieq li l-Kummissjoni tiggarantixxi li l-pjan jiżgura l-provvista tal-elettriku kif ukoll prezz stabbli, kompetittiv u prevedibbli. Għandu jinkludi wkoll l-enerġija b'livell baxx ta' karbonju, permezz ta' sorsi rinnovabbli u fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs).

1.3. L-awtonomija strateġika miftuħa trid tkun fil-qalba tal-proċess ta' riindustrijalizzazzjoni, u jeħtieġ li tiżgura l-aċċess għall-materja prima, tiddiversifika s-sorsi u tagħmel l-ekonomija tal-UE aktar reżiljenti. Sabiex il-kumpaniji jitħeġġu jiddelokalizzaw il-produzzjoni tagħhom fl-UE, il-KESE jirrakkomanda li tiġi adottata politika industrijali bbażata fuq approċċ tal-katina tal-valur. Dan l-approċċ jenfasizza l-importanza ugwali tal-attivitajiet kemm upstream kif ukoll downstream fit-tranżizzjoni. Dan jista' jinkiseb billi jiżdied l-għadd ta' sħubijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u jiġu ssemplifikati l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi, fl-istess ħin li jiġi żgurat li jiġu rispettati l-istandards soċjali, ambjentali u dawk tax-xogħol, biex jiġi appoġġjat it-tkabbir tal-industriji estrattivi tal-UE stess.

1.4. Il-leġiżlaturi tal-UE jridu jużaw l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali li jmiss biex jiżguraw is-sostenibbiltà ta' mudelli ta' negozju tal-ekonomija alternattiva u ċirkolari billi joffru ħruġ aċċellerat ta' permessi, appoġġ finanzjarju u appoġġ politiku lil dawk in-negozji ddedikati għat-tranżizzjoni. Il-proposta tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari għandha tibgħat messaġġ ċar ta' appoġġ lin-negozji ċirkolari, u tiżgura lill-investituri li l-UE hija l-ambjent ideali għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet nodfa.

1.5. Id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, irid jiġi inkorporat fil-proċess ta' riindustrijalizzazzjoni biex jissaħħaħ l-aspett soċjali tas-suq uniku.

1.6. Ir-riindustrijalizzazzjoni teħtieġ programm ta' innovazzjoni apposta b'miri speċifiċi li jinkludu kemm l-industriji eżistenti kif ukoll żviluppi ġodda u li jkunu msejsa fuq id-djalogu soċjali. Dan il-programm jeħtieġ investiment pubbliku, li jrid ikun akkumpanjat minn kundizzjonalitajiet soċjali kif deskritti fil-Patt għal Industrija Nadifa.

1.7. Il-KESE jissuġġerixxi li l-UE tippromovi programmi ta' sħubija pubblika-privata biex tingħata spinta lill-investiment industrijali, b'taqsima ddedikata għall-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ fis-settur tal-manifattura. Il-programm għandu jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-kumpaniji privati biex jaċċellera l-innovazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

1.8. Il-KESE jappella biex il-Proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet tipprevedi r-rikonoxximent u l-validazzjoni diretti tal-ħiliet tal-ħaddiema madwar l-UE ladarba dawn ikunu ġew rikonoxxuti mill-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru wieħed, u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi. Il-Kummissjoni trid tniedi programm għall-UE kollha biex tippromovi l-apprendistati industrijali mħallsa b'mod ġust fost il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, u b'hekk tappoġġja forza tax-xogħol aktar reżiljenti. Il-programm għandu jipprovdi wkoll għodod għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla, u joffri perkors ta' tranżizzjoni ġusta li jinkludi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, bħala parti mid-djalogu soċjali.

1.9. L-iskema ta' akkwist pubbliku nadif hija opportunità biex tingħata spinta u jiġu rikonoxxuti l-isforzi ta' sostenibbiltà mill-kumpaniji tal-UE b'mod mhux diskriminatorju.

1.10. Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u tinżamm u tiġi żviluppata l-produzzjoni industrijali fl-UE, il-KESE jixtieq li l-pakketti Omnibus jiżguraw koerenza regolatorja u ċertezza legali għall-kumpaniji u l-ħaddiema, jissemplifikaw il-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi billi jagħmluhom aktar ċari, aktar rapidi u aktar prevedibbli, inaqqsu l-flussi ta' ħidma relatati mar-rapportar u jipprevjenu r-rapportar żejjed. L-armonizzazzjoni tal-istandards tat-teknoloġija nadifa madwar l-UE tista' tiffaċilita wkoll l-aċċess għas-suq u l-konformità għan-negozji.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Waqt li ċerti indikaturi makroekonomiċi jissuġġerixxu li l-ekonomija tal-UE qed taħdem b'mod aċċettabbli, b'inflazzjoni aktar baxxa, rata tal-qgħad baxxa ħafna u kostijiet tal-enerġija aħjar milli matul il-kriżi tal-enerġija tal-2022, skont l-istħarriġ tal-Kummissjoni Ewropea tal-Ewrobarometru tal-Ħarifa 2022, **iż-żieda fl-għoli tal-ħajja** kienet l-aktar preokkupazzjoni urġenti għal 93 % taċ-ċittadini tal-UE ([3]). Dan is-sentiment ippersista: l-għoli tal-ħajja (42 %) u s-sitwazzjoni ekonomika (41 %) kienu s-suġġetti ewlenin li mmotivaw liċ-ċittadini Ewropej jivvutaw fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej f'Ġunju tas-sena l-oħra ([4]). Barra minn hekk, fl-aħħar stħarriġ fuq skala kbira tal-Eurofound fl-2024, aktar rispondenti rrapportaw diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja meta mqabbla mas-sena preċedenti: 30 % ta' dawk li wieġbu qalu li kien diffiċli jew diffiċli ħafna biex ilaħħqu mal-ħajja, żieda minn 22 % fl-2023 ([5]).

2.2. L-Ewropa bħalissa qed tiffaċċja **l-isfida doppja** li tindirizza l-kriżi tal-għoli tal-ħajja u treġġa' lura l-effetti fit-tul tad-diindustrijalizzazzjoni. Iż-żewġ kwistjonijiet huma interkonnessi ħafna u jippreżentaw implikazzjonijiet sinifikanti għan-negozji, il-ħaddiema u ċ-ċittadini madwar l-Unjoni.

2.3. Il-fatturi ewlenin tal-**kriżi tal-għoli tal-ħajja** huma dawn:

2.3.1. **L-inflazzjoni** żdiedet fl-2021, xprunata mill-irkupru ekonomiku rapidu wara l-COVID-19, u laħqet it-2,9 %. Il-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija għollew ir-rata tal-inflazzjoni tal-2022 għal 9,2 % fl-2022. Wara li naqset bi ftit għal 6,4 %, ir-rata tal-inflazzjoni mmoderat għal 2,6 % fl-2024. Madankollu, is-sentiment dwar l-inflazzjoni huwa b'saħħtu ħafna peress li l-komoditajiet tal-basket tax-xiri tal-unitajiet domestiċi baqgħu jogħlew ([6]). Naqqset b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-akkwist, u poġġiet pressjoni finanzjarja enormi fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u baxx.

2.3.2. Għalkemm **il-prezzijiet bl-ingrossa tal-elettriku u tal-gass** naqsu b'mod sinifikanti minn tmiem l-2022 'l hawn, dawn għadhom madwar id-doppju tal-livelli storiċi tagħhom, li l-fluttwazzjonijiet tagħhom huma influwenzati minn azzjonijiet regolatorji, kundizzjonijiet tas-suq u tensjonijiet ġeopolitiċi kontinwi ([7]). Ir-riforma reċenti tas-suq tal-elettriku ma kellhiex ir-riżultat mixtieq, peress li l-ordni tal-mertu (is-sistema tal-ipprezzar marġinali) tipprevjeni lill-konsumaturi milli jibbenefikaw bis-sħiħ mill-użu tal-enerġija rinnovabbli. Ir-Rapport ta' Draghi juri d-distakk kbir fil-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass bejn l-UE u l-Istati Uniti ([8]). Il-kostijiet tal-enerġija jibqgħu ta' tħassib kritiku mhux biss għall-industrija, li flimkien mat-trasport hija wieħed mill-akbar konsumaturi tal-enerġija, iżda wkoll għall-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli.

2.3.3. L-impatt fuq **l-inugwaljanza ekonomika** kien varjat u multidimensjonali: fuq l-introjtu, l-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni. Għadu previst li l-pagi reali fl-2024 ikunu 1,1 % taħt il-livell tagħhom fl-2019 fl-UE. Ħafna unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju inferjuri għadhom iħossu l-effetti negattivi tal-perjodu ta' inflazzjoni għolja fuq il-kapaċità tal-akkwist tagħhom. B'mod partikolari, il-privazzjoni materjali u soċjali u t-tbatija finanzjarja tal-ħaddiema għadhom għoljin meta mqabbla mal-livelli qabel l-2022 ([9]). Fl-istess ħin, ċerti gruppi tas-soċjetà ntlaqtu aktar minn oħrajn. Il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, in-nisa u ż-żgħażagħ sofrew l-aktar. L-effetti fit-tul għad iridu jiġu studjati ([10]).

2.3.4. Il-kriżi tal-għoli tal-ħajja, iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija, u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 aggravaw il-kwistjonijiet tal-**affordabbiltà tal-akkomodazzjoni**. Barra minn hekk, fatturi strutturali bħall-urbanizzazzjoni, il-bidliet demografiċi, u l-investiment spekulattiv fil-proprjetà immobbli żiedu l-kostijiet tal-akkomodazzjoni ([11]). Il-kostijiet eċċessivi tal-akkomodazzjoni jaffettwaw mhux biss lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx iżda wkoll lill-unitajiet domestiċi b'introjtu medju u liż-żgħażagħ. L-akkomodazzjoni affordabbli probabbilment hija l-isfida ewlenija għaż-żgħażagħ, u twaqqafhom milli jgħixu ħajja indipendenti. Waqt li fi tmiem l-2023 is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ kienet aktar favorevoli milli kienet f'dawn l-aħħar snin, kien għad hemm ħafna ostakli fi triqithom lejn l-indipendenza tagħhom, bħaż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-inabbiltà tagħhom li jitilqu mid-dar tal-ġenituri ([12]).

([3]) Ewrobarometru 2022.
([4]) Ewrobarometru 2024.
([5]) Il-kwalità tal-ħajja fl-UE fl-2024 – Riżultati tal-istħarriġ elettroniku dwar l-għajxien ta' kuljum u x-xogħol fl-UE, 2025, Eurofound [mhux disponibbli bil-Malti].
([6]) Eurostat.
([7]) Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa, 2024, Kummissjoni Ewropea.
([8]) Rapport ta' Draghi – Il-futur tal-kompetittività Ewropea.
([9]) Labour market and wage developments in Europe – Annual report 2024 (L-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u fil-pagi fl-Ewropa – Rapport annwali 2024 (mhux disponibbli bil-Malti)). DĠ Impjieg, Kummissjoni Ewropea.
([10]) Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, 2021.
([11]) EPRS, Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, 2024.
([12]) Eurofound 2023.

2.4. **Id-diindustrijalizzazzjoni** fl-Ewropa

F'dawn l-aħħar deċennji, l-Ewropa għaddiet minn proċess ta' diindustrijalizzazzjoni li għadu għaddej, ikkaratterizzat minn tnaqqis kostanti fil-kontribut tal-manifattura għall-ekonomija ġenerali. F'dawn l-aħħar snin, is-sehem tal-industrija tal-PDG naqas minn 21,0 % fl-2005 għal 18,5 % fl-2022 ([13]). L-impjiegi tal-manifattura komplew jonqsu madwar il-kontinent mill-2008 'l hawn b'pass li ma jistax jitwaqqaf, u l-impatt mhux biss qed jaffettwa pożizzjonijiet b'livell baxx ta' ħiliet iżda wkoll professjonisti bi kwalifiki għoljin ([14]). Din il-bidla kienet xprunata minn diversi fatturi:

2.4.1. Il-globalizzazzjoni: tradizzjonalment, il-kumpaniji esternalizzaw il-ktajjen tal-provvista u l-kapaċità tal-manifattura tagħhom biex inaqqsu l-kostijiet. Ir-rilokazzjoni tal-manifattura lejn reġjuni b'kostijiet tal-forza tax-xogħol aktar baxxi rriżultat fir-rilokazzjoni tal-produzzjoni, li wasslet għall-għeluq tal-fabbriki u t-telf ta' impjiegi fl-Ewropa.

2.4.2. Dewmien fl-adattament teknoloġiku u nuqqas ta' investiment fl-innovazzjoni: l-avvanzi fl-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni naqsu d-domanda għal impjiegi industrijali tradizzjonali, u b'hekk inħoloq żbilanċ bejn il-ħiliet tal-forza tax-xogħol u l-bżonnijiet tal-industriji moderni.

2.4.3. L-enfasi tal-politika fuq is-servizzi: ħafna ekonomiji Ewropej prijoritizzaw dejjem aktar is-setturi orjentati lejn is-servizzi, li f'xi każi wassal biex ikun hemm fokus imnaqqas fuq il-manifattura tradizzjonali. Din il-bidla kkontribwiet għat-tnaqqis tal-attivitajiet industrijali, u enfasizzat il-ħtieġa għal approċċ ta' politika aktar ibbilanċjat.

2.4.4. Il-politiki kummerċjali u industrijali tal-UE, il-politiki ambjentali u regolatorji, il-bidliet demografiċi u n-nuqqas ta' ħaddiema, in-nuqqas ta' investiment adegwat u t-tnaqqis fil-kompetittività kellhom ukoll rwol importanti fil-proċessi ta' diindustrijalizzazzjoni.

2.4.5. Il-konsegwenzi tad-diindustrijalizzazzjoni huma estensivi. Reġjuni li darba kienu qed jirnexxu fil-manifattura esperjenzaw staġnar ekonomiku, rati ogħla ta' qgħad, u żieda fid-disparitajiet reġjonali. It-telf tal-kapaċità industrijali żied ukoll id-dipendenza tal-Ewropa mill-importazzjonijiet, u espona lill-kontinent għal vulnerabbiltajiet fil-ktajjen tal-provvista globali u fis-swieq tal-enerġija, kif uriet l-esperjenza matul il-pandemija tal-COVID-19.

2.5. **L-industrija reġgħet lura fuq l-aġenda politika**

Ir-riindustrijalizzazzjoni tkun l-aħjar għażla u toffri perkors strateġiku lejn:

2.5.1. It-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika: żieda fil-kost totali tas-sjieda, żieda fil-pagi, inkluż f'pajjiżi mhux tal-UE, żieda fil-kostijiet tat-trasport, dazji u kostijiet ogħla tal-importazzjoni, kif ukoll tfixkil potenzjali fil-provvista, ilkoll qed inaqqsu l-vantaġġ tal-kost tas-soltu tal-ktajjen tal-provvista esternalizzati. Billi żżid il-produzzjoni lokali u tnaqqas id-dipendenza mill-ktajjen tal-provvista globali volatili, l-Ewropa tista' ttejjeb l-istabbiltà ekonomika u l-awtonomija strateġika tagħha.

2.5.2. It-trawwim tal-innovazzjoni: l-industrija hija l-ixprun prinċipali tal-innovazzjoni ta' prodotti, proċessi u servizzi. L-isfidi l-ġodda fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u l-ekonomija ċirkolari jipprovdu opportunità essenzjali għall-UE. L-industrija 5.0 issa qed isawwar u tiddefinixxi r-riindustrijalizzazzjoni. L-għan huwa li tinħoloq bażi industrijali moderna, kompetittiva u sostenibbli.

2.5.3. Il-promozzjoni tas-sostenibbiltà: l-integrazzjoni ta' prattiki sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari fl-attivitajiet industrijali tista' tgħin lill-UE tilħaq l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tagħha waqt li tiddependi inqas mill-materja prima u toħloq opportunitajiet ġodda tas-suq.

2.5.4. Il-provvista ta' impjiegi ta' kwalità tajba u siguri, flimkien ma' djalogu soċjali permanenti: l-industrija tixpruna l-impjieg u tiżgura l-integrazzjoni soċjali u l-istabbiltà.

2.5.5. F'ċerti pajjiżi, l-adozzjoni tal-metodoloġija ta' akkwiżizzjoni ta' kooperattivi tal-ħaddiema wriet li hija esperjenza ta' suċċess li tista' tinfirex ukoll f'pajjiżi oħra tal-UE. Meta tkun strutturata kif suppost, tista' ssalva l-impjiegi u tippreżerva s-siti tal-produzzjoni.

([13]) Il-kontijiet nazzjonali u l-PDG, Eurostat, 2024 [mhux disponibbli bil-Malti].

([14]) L-istruttura li qed tinbidel tal-impjieg fl-UE: Annual Review 2023, Eurofound, 2023 [mhux disponibbli bil-Malti].

2.6. **Il-kuntest strateġiku tal-politika**:

Permezz ta' inizjattivi ta' politika f'konformità mar-Rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE, u l-inizjattivi tal-Kummissjoni tal-UE, l-industrija tal-UE jeħtiġilha tnaqqas id-distakk fil-konfront tal-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħha, bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina.

2.6.1. Il-Patt għal Industrija Nadifa jipproponi perkors ċar biex issir enfasi fuq id-dekarbonizzazzjoni, it-teknoloġiji nodfa u l-inċentivar tal-investiment. Il-Kummissjoni se tgħin biex jinbena qafas regolatorju li jwassal għat-tkabbir, li jappoġġja lill-industrija fl-isforzi tagħha biex tinnova, tikber/tespandi, timmanifattura prodotti u tipprovdi servizzi, hija u taħdem fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tiżgura soluzzjonijiet immirati għal kull katina tal-valur.

2.6.2. Il-Boxxla għall-Kompetittività, mibnija fuq ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, tidentifika tliet oqsma ewlenin għall-azzjoni: l-innovazzjoni id-dekarbonizzazzjoni; u l-kompetittività, is-sigurtà u r-reżiljenza, u ħames attivitajiet trażversali: is-simplifikazzjoni; it-tnaqqis tal-ostakli għas-suq uniku; il-finanzjament tal-kompetittività; il-promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità tajba; u l-armonizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Se twassal għal tnaqqis "bla preċedent" fil-burokrazija b'enfasi partikolari fuq l-SMEs Ewropej u se tinkludi Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività biex tgħin lill-Istati Membri jikkooperaw fi proġetti ta' interess strateġiku komuni.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Billi tindirizza l-kawżi ewlenin tad-diindustrijalizzazzjoni u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, l-Ewropa tista' taħtaf dan il-mument biex terġa' tagħti l-ħajja lill-ekonomija tagħha, tiżgura li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-forza tax-xogħol tagħha, u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tagħha. Dawn huma xi aspetti u opportunitajiet ewlenin:

Għall-intrapriżi:

3.1.1. Ir-riindustrijalizzazzjoni toffri opportunità biex jiġu sfruttati t-teknoloġiji avvanzati, u b'hekk titrawwem **l-innovazzjoni** u tiżdied **il-kompetittività** globali. L-industriji Ewropej jistgħu jkunu minn quddiem nett fit-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

3.1.2. Billi jiġi stimulat qawmien ġdid tal-manifattura u r-rilokalizzazzjoni tal-produzzjoni, l-intrapriżi jistgħu jnaqqsu r-riskji minn tfixkil fil-**katina tal-provvista** globali u jistabilizzaw il-kostijiet.

3.1.3. L-adozzjoni ta' **prattiki sostenibbli** allinjati mal-għanijiet klimatiċi tal-UE tista' tiftaħ swieq ġodda għal prodotti u servizzi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Għall-ħaddiema:

3.1.4. Enfasi mġedda fuq l-industrija tista' tiżgura **impjiegi stabbli u li jħallsu tajjeb** f'diversi setturi, waqt li tindirizza kwistjonijiet ta' qgħad aggravati mid-diindustrijalizzazzjoni.

3.1.5. L-investiment fl-**edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali** jiżgura forza tax-xogħol li tkun kapaċi tissodisfa d-domandi tal-industriji moderni.

3.1.6. L-industriji lokalizzati u reżiljenti jipprovdu **opportunitajiet ta' impjieg aktar stabbli**, u b'hekk inaqqsu d-dipendenza minn swieq globali volatili.

3.1.7. B'enfasi fuq prattiki sostenibbli u etiċi, il-ħaddiema jistgħu jibbenefikaw minn **kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba** u sigurtà tal-impjieg.

Għaċ-ċittadini:

3.1.8. Settur industrijali b'saħħtu jippromovi **l-istabbiltà ekonomika** ġenerali, itejjeb l-istandards tal-għajxien u jnaqqas il-faqar.

3.1.9. L-industrija tipprovdi impjiegi ta' kwalità tajba li, flimkien mat-taxxi mħallsa mill-industriji, jiżguraw **investimenti pubbliċi** fl-infrastruttura u s-servizzi.

3.1.10. Żoni industrijali rivitalizzati jistgħu jwasslu għal infrastruttura aħjar, servizzi pubbliċi mtejba, u **ekonomiji lokali vibranti**.

3.2. B'mod ġenerali, ir-riindustrijalizzazzjoni tista' ġġib benefiċċji sinifikanti fit-tul. Madankollu, tippreżenta wkoll sfidi li jeħtieġu sforzi kkoordinati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri u jridu jiġu ġestiti permezz ta' politika maħsuba kif imiss u ppjanar strateġiku:

3.2.1. Waħda mill-ikbar sfidi hija l-attrazzjoni u ż-żamma ta' ħaddiema tas-sengħa. L-industrija tikkompeti ma' attivitajiet ekonomiċi oħra biex tattira u żżomm l-aqwa talent, li jirrikjedi li jiġu offruti impjiegi stabbli, salarji kompetittivi u żvilupp tal-karriera. Il-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità huwa inizjattiva pożittiva tal-Kummissjoni Ewropea peress li impjiegi ta' kwalità tajba u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti huma kruċjali biex jiġu attirati l-ħaddiema. Barra minn hekk, għandhom jiġu implimentati politiki biex jiġu attivati u attrezzati segmenti speċifiċi tal-popolazzjoni li ma jinsabux fis-suq tax-xogħol u jiġu pprovduti bil-ħiliet meħtieġa, speċjalment fir-rigward tan-nisa, iż-żgħażagħ u l-migranti u gruppi vulnerabbli oħra. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jkunu miftuħa biex jilqgħu ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi mhux tal-UE b'mod semplifikat u mhux burokratiku. Dan jinkludi li jitħaffef il-pass tal-proċessi tal-permessi tax-xogħol, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki barranin u l-iżgurar ta' trattament ugwali. L-UE għandha taħdem biex tkun id-destinazzjoni ppreferuta għall-ħaddiema tas-sengħa minn madwar id-dinja.

3.2.2. L-għoti ta' taħriġ kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet kemm tekniċi kif ukoll personali lill-ħaddiema kif ukoll perkors ċar tal-karriera u prospetti professjonali: l-industriji qed jevolvu, u għalhekk hemm ħtieġa kontinwa li l-forza tax-xogħol titħarreġ u titħarreġ mill-ġdid biex jiġi żgurat tqabbil tajjeb bejn il-ħiliet u d-domandi tas-suq tax-xogħol. Huwa partikolarment kruċjali li jkun hemm forza tax-xogħol tas-sengħa u reżiljenti f'setturi li qed jiffaċċjaw it-tranżizzjoni doppja. Barra minn hekk, nilqgħu l-appell tal-Kummissjoni li jiġu emendati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u li jiġu stabbiliti kundizzjonalitajiet soċjali marbuta mal-investimenti pubbliċi, biex ikun hemm inċentivi aħjar għall-industrija biex tinvesti fit-titjib tal-ħiliet, fit-taħriġ mill-ġdid, f'impjiegi ta' kwalità tajba u fir-reklutaġġ tal-ħaddiema għal tranżizzjoni ġusta. L-Unjoni tal-Ħiliet u l-Pjan Strateġiku tal-Edukazzjoni STEM għandhom jaħdmu biex jintlaħaq dan l-għan. Dan it-taħriġ għandu jipprevedi r-rikonoxximent dirett u l-validazzjoni diretta tal-ħiliet tal-ħaddiema madwar l-UE ladarba jkunu ġew rikonoxxuti mill-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru wieħed, u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi.

3.2.3. Il-pass mgħaġġel tal-avvanz teknoloġiku jirrikjedi li l-industriji jadattaw u jinnovaw kontinwament. L-industrija trid tħaddan it-trasformazzjoni diġitali, li tinkludi l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, b'enfasi speċjali fuq approċċ robust taċ-ċibersigurtà biex jiġu ggarantiti l-integrità tad-data u r-rispett sħiħ tad-drittijiet personali.

3.2.4. Hija sfida li jitwettqu fl-istess ħin ir-riindustrijalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni. L-industriji jridu jibbilanċjaw it-tkabbir mas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali. L-integrazzjoni ta' prattiki sostenibbli fil-proċessi industrijali hija essenzjali biex jiġu ssodisfati r-regolamenti ambjentali u l-aspettattivi tal-konsumatur. Dan jinvolvi l-adozzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi, it-tnaqqis tal-impronti tal-karbonju, u l-promozzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. Jeħtieġ li jiġu promossi prodotti ċirkolari u mudelli ta' negozju innovattivi bbażati fuq iċ-ċirkolarità b'inċentivi, li jippermettulhom ikomplu jikkompetu kontra mudelli ta' negozju tradizzjonali u li jagħmlu l-qligħ u jipproduċu prodotti u joffru servizzi "ekoloġiċi" u "nodfa" affordabbli.

3.2.5. Pożijiet regolatorji u amministrattivi u kwistjonijiet transfruntiera: l-ambjent regolatorju u l-proċeduri ta' approvazzjoni amministrattivi tal-UE sikwit jitqiesu kumplessi u ta' piż żejjed: 32 % tal-kumpaniji tal-UE jidentifikaw ir-regolamenti bħala "ostaklu ewlieni" għall-attivitajiet ta' investiment tagħhom ([15]). In-negozji jiffaċċjaw spejjeż sinifikanti ta' konformità u dewmien amministrattiv biex jiksbu l-permessi u l-approvazzjonijiet, sitwazzjoni li tista' tiskoraġġixxi l-investiment u l-innovazzjoni. Minkejja s-suq uniku, id-differenzi fir-regolamenti, l-istandards u l-proċeduri nazzjonali joħolqu ostakli għad-dħul u jżidu l-kostijiet għan-negozji li joperaw f'diversi pajjiżi tal-UE. Is-semplifikazzjoni ma tissirx deregolamentazzjoni. Mhijiex kwistjoni li nwarrbu l-Patt Ekoloġiku jew is-salvagwardji soċjali essenzjali, u lanqas li l-Ewropa ssir aktar bħall-Istati Uniti. Hija kwistjoni ta' tnaqqis tal-burokrazija li ma hija ta' benefiċċju għall-ħadd.

3.2.6. Għalkemm ir-riindustrijalizzazzjoni tista' toħloq impjiegi ġodda, tista' twassal ukoll għal spostament teknoloġiku, li jfisser li l-awtomatizzazzjoni u t-teknoloġiji avvanzati jissostitwixxu ċerti tipi ta' ħaddiema. L-indirizzar ta' dan se jirrikjedi programmi speċifiċi dwar it-taħriġ mill-ġdid u politiki soċjali.

3.2.7. Fi żmien meta l-industriji qed isiru aktar kompetittivi, jista' jkun hemm pressjoni akbar mill-kompetituri globali. Iż-żamma ta' vantaġġ kompetittiv se teħtieġ sforzi kontinwi ta' innovazzjoni u investiment.

([15]) Rapport Annwali tal-2025 dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, 2025, Kummissjoni Ewropea.

3.2.8. Id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, irid jiġi inkorporat fil-proċess ta' riindustrijalizzazzjoni, sabiex jiġi żgurat approċċ parteċipattiv. L-impjegaturi u l-ħaddiema għandhom jimpenjaw ruħhom li joħolqu u jimplimentaw programmi ta' taħriġ kompetittivi li jrawmu l-koeżjoni industrijali, soċjali u territorjali permezz tan-negozjar kollettiv u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-livell tal-kumpaniji. Kuntratt soċjali ġdid għandu jqis ukoll is-soċjetà ċivili organizzata, leħen iż-żgħażagħ u, b'mod partikolari, l-iżjed reġjuni milquta mit-tranżizzjonijiet.

3.3. Ir-rwol tal-industrija bħala xprun tal-innovazzjoni u s-servizzi b'valur miżjud:

3.3.1. L-industrija hija kruċjali għar-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, għaliex trawwem it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà. Tappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi ta' valur għoli, ittaffi l-kriżi tal-għoli tal-ħajja u tiġġieled id-diindustrijalizzazzjoni billi tixpruna aktar innovazzjoni, tagħti ħajja ġdida lill-ekonomiji lokali, toħloq l-impjiegi u theġġeġ lill-popolazzjoni tibqa' f'żoni industrijali:

3.3.2. L-industrija hija xprun ewlieni tal-**innovazzjoni**, li spiss tkun minn ta' quddiem fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u proċessi ġodda. Din l-innovazzjoni tista' tinfirex f'setturi oħra u trawwem kultura ta' titjib kontinwu u avvanz teknoloġiku.

3.3.3. L-industrija spiss tippromovi **servizzi ta' valur miżjud** li jsaħħu l-katina tal-valur kollha. Dan jinkludi kollox minn tekniki ta' manifattura avvanzata sa servizzi ta' wara l-bejgħ, u jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni, li jwassal għal prodotti ta' kwalità ogħla u sodisfazzjon akbar tal-klijenti.

3.3.4. L-impjiegi industrijali, b'mod partikolari dawk fis-setturi tat-teknoloġija avvanzata u s-setturi tal-manifattura avvanzata, għandhom it-tendenza li **joffru pagi ogħla** meta mqabbla ma' ħafna impjiegi fis-settur tas-servizzi. Dan jista' jgħin biex jittejbu l-istandards tal-għajxien u titnaqqas l-inugwaljanza fl-introjtu.

3.3.5. Is-settur industrijali joffri opportunitajiet sinifikanti għal **tkabbir professjonali** u l-avvanz tal-karriera. Il-ħaddiema jistgħu jibbenefikaw minn tagħlim kontinwu, żvilupp tal-ħiliet, u l-potenzjal li jokkupaw pożizzjonijiet ta' livell ogħla.

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE